**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' April 2021**

**Rikors nru: 108/2021 AGV ;**

**ABC**

**vs**

**DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 11 ta' Marzu 2021, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil- 18 ta' Settembru 1994, fil-Kappella Stella Maris tas-Sliema, liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku bin-numru progressiv 1700/1994 kif jirrizulta mil-atti taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

3. Illi l-hajja konjugali tal-partijiet ma baqghetx aktar possibbli ghal ragunijiet validi li skont il-ligi Civili taw lok ghal seperazzjoni personali, u l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan- Nutar, Anton Borg, fil- 15 ta' Dicembru 2016, vera kopja hawn annessa Dok. B, ghalhekk ilhom seperati ghal aktar minn erba' snin rikjesti skont il-ligi senjatament Artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal-ottjeniment tad-divorzju;
4. Illi m' hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin twal ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin u kull parti ifformat familja ohra;
5. Illi skont il-kuntratt hawn fuq citat il-partijiet m 'ghandhom ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin, stante rinunzja reciproka. U ma hemm ebda kazi pendenti bejniethom;
6. Illi inpltre' ma hemmx lanqas manteniment dovut lil ulied stante li minn daz-zwieg ma kien hemm ebda ulied;
7. Illi dal-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B ta-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dil- Onorabbli Qorti sabiex ;**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

Dehret il-konvenuta li iddikjarat li m' ghandhix oggezzjoni ghat-talbiet tal-esponenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**